B 2329

Suppliment tal-Gazzetta tal-Gvern ta' Malta Nru. 20,965, 25 ta' Novembru, 2022
Taqsima B

A.L. 309 tal-2022

ATT DWAR L-EDUKAZZJONI
(KAP. 327)

L-Ordinamenti tal-2022 biex jemendaw l-Ordinamenti tal-2021 skont ir-Regolamenti Ġenerali tal-2021 għar-Rikonoxximenti Universitarji ta' wara l-Ewwel Grad għall-Grad ta' Postgraduate Certificate in Adlerian Counselling – P.G. Cert. - taħt il-patroċinju tal-Fakultà għat-Tisħiħ tas-Soċjetà

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija lilu skont l-artikoli 74 (5) u 75 (6) tal-Att dwar l-Edukazzjoni (Kap. 327), il-Kanċillier tal-Università ta' Malta ppromulga dawn l-ordinamenti magħmulin mill-Bord tal-Fakultà għat-Tisħiħ tas-Soċjetà bis-saħħa tas-setgħat mogħtija lilu skont l-artikolu 81 (1) (ċ) ta' dak l-Att u li ġew approvati mis-Senat tal-Università ta' Malta kif jirrikjedi l-artikolu 81 (2) ta' dak l-Att:

It-Titlu

1. Dawn l-ordinamenti jistgħu jissejħu bħala l-Ordinamenti tal-2022 biex jemendaw l-Ordinamenti tal-2021 skont ir-Regolamenti Ġenerali tal-2021 għar-rikonoxximenti Universitarji ta' wara l-Ewwel Grad għall-grad ta' Postgraduate Certificate in Adlerian Counselling – P.G. Cert. - u għandhom jinqraw u jinftiehmu bħala ħaġa waħda mal-Ordinamenti tal-2021 skont ir-Regolamenti Ġenerali tal-2021 għar-Rikonoxximenti Universitarji ta' wara l-Ewwel Grad għall-grad ta' Postgraduate Certificate in Adlerian Counselling – P.G. Cert. - taħt il-patroċinju tal-Fakultà għat-Tisħiħ tas-Soċjetà, ippubblikati bħala Avviż Legali 485 tal-2021, li minn hawn 'il quddiem jissejħu "l-ordinamenti prinċipali".

L-Applikabilità

2. Dawn l-ordinamenti għandhom japplikaw għall-korsijiet li jibdew f'Ottubru 2022 jew wara.

L-Emenda għall-ordinament 3 tal-ordinamenti prinċipali

3. Minflok il-paragrafu (2) tal-ordinament 3 tal-ordinamenti prinċipali għandu jidħol dan li ġej:

"(2) L-applikanti msemmija fil-paragrafu (1) ta' dan l-ordinament huma meħtieġa wkoll li jkunu rreġistrati f'wieħed mir-reġistri uffiċjali miżmuma minn Kunsill tal-professjoni tal-counselling jew ta' professjonijiet oħra marbuta mal-counselling, fil-pajjiż tal-impjieg u tar-residenza tal-applikanti, u għandu jkollhom minimu ta' 3 snin ta' esperjenza ta' counselling taħt supervizzjoni jew f'ambjent psikoterapewtiku. Din l-esperjenza trid tkun inkisbet wara li l-applikanti jkunu kisbu il-kwalifiki kif indikat fil-paragrafu (1) ta' dan l-ordinament."